



Brussell, 17 ta' April 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0059(COD)

7218/20
ADD 2

CODEC 256
PECHE 94
CADREFIN 69

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 u r-Regolament (UE) Nru 508/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri speċifiċi biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (l-ewwel qari) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-att leġislattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perijodu ta' 8 ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni ta' malajr min-naħa tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-proposta tagħha biex temenda l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd biex jittaffa l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u biex jiġu meġhjunin is-sajjieda u l-produtturi tal-akkwakultura tagħna.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-kontroll tas-sajd u l-għbir tad-data xjentifika huma importanti ferm għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli u għal infurzar affidabbli. It-tnaqqis tar-riżorsi finanzjarji għalihom ma għandux iwassal għal deterjorament fl-eżiti ta' dawn l-elementi essenzjali tal-politika komuni tas-sajd.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-proposta tagħha u l-emendi li sarulha jindirizzaw is-sitwazzjoni unika ta' kriżi li ħolqot it-tifqigħa tal-COVID-19 u l-ħtieġa eċċezzjonali u immedjata li jingħata appoġġ biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' dik it-tifqigħa. Huma ma jistgħux jippreġudikaw ir-Regolament futur dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.
